# PROGRAMM TAL-FESTA SOLENNI
# F'ĠIEH **SAN ĠUŻEPP, PATRUN TAL-KNISJA UNIVERSALI**
# FIL-PARROĊĊA TAL-KALKARA **2009**

**Il-Ħadd 5 ta' Lulju**
Fil-quddies jingħata tagħrif dwar il-festa. Issir ġabra speċjali li tmur għall-ispejjeż tal-festa.
Il-quddiesa ta' filgħaxija tkun animata mill-Kor *Shalom* immexxi Mis-Sinjura Agatha Zahra.

**It-Tnejn 6 ta' Lulju**
Fis-6.00pm Rużarju u Kurunella.

Fis-6.30pm Quddiesa kantata mmexxija mill-Kappillan, Dun Anton Galea-Scannura.
Huma mistiedna l-għaqdiet kollha, mużikali u soċjali tal-Parroċċa, flimkien mal-Kalkariżi li m'għadhomx joqgħodu fil-parroċċa.

Fl-aħħar taċ-ċelebrazzjoni jsir il-ħruġ ta' l-istatwa ta' San Ġużepp min-niċċa li tiġi milqugħa fuq iz-zuntier mill-komunità bis-sehem tal-Kor Parrokkjali, li jkun akkumpanjat minn Banda magħquda miż-żewġ soċjetajiet Mużikali, San Ġużepp u Sagra Familja.

**It-Tlieta 7 ta' Lulju: Jum it-Tfal u l-Familji tagħhom**
Fis-6.00pm it-tfal jiltaqgħu ħdejn il-MUSEUM minn fejn tibda purċissjoni bi statwa ta' San Ġużepp. It-tfal kollha mistiedna jieħu sehem.

Fis-6.30pm Quddiesa għat-tfal immexxija mir-Revdu Dun Gordon Refalo, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Preca, l-Iswatar. Janima l-Kor tat-Tfal *Angels' Voices*. It-tfal kollha li jattendu tingħatalhom tifkira. Il-Kor *Angels' Voices* huwa l-Kor tat-Tfal tal-parroċċa tagħna. Tmexxih Is-Sinjura Patricia Darmanin u l-organista hija Ms Diane Pace B.Ed (Hons).

**L-Erbgħa 8 ta' Lulju : L-Ewwel Jum tat-Tridu.**
*Jum l-Anzjani u l-Morda*

Fis-6.00pm Rużarju u Kurunella

Fis-6.30pm Quddiesa li għaliha mistiedna l-anzjani u l-morda. Imexxi P. Martin Mamo OFM Cap. Wara l-quddiesa tingħata il-Barka Sagramentali. Il-Quddiesa tkun animata mill-Kor *Adonai* immexxi mis-Sinjura Terry Borg.



**Il-Ħamis 9 ta' Lulju : It-Tieni Jum tat-Tridu:**
*Jum is-Saċerdot Nisrani fl-okkażżjoni tas-Sena Ddedikata għas-Saċerdoti*

Fis-6.00pm Rużarju u Kurunella

Fis-6.30pm Quddiesa Solenni immexxija minn Mons Pawl Raggio li din is-sena jiċċelebra l-erbgħin Sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Mistiedna is-saċerdoti Kalkariżi u l-qraba tagħhom. Jippriedka Mons Lawrenz Mifsud.

# PROGRAMM TAL-FESTA SOLENNI
# F'ĠIEH **SAN ĠUŻEPP, PATRUN TAL-KNISJA UNIVERSALI**
# FIL-PARROĊĊA TAL-KALKARA **2009**

**Il-Ġimgħa 10 ta' Lulju: it-Tielet jum tat-Tridu**
*Jum il-Familja Parrokkjali*

Fis-6.00pm Rużarju u Kurunella

Fis-6.30pm Quddiesa imexxija minn P. Hayden Williams OFM Cap, Gwardjan tal-Komunita' Kapuċċina fil-Kunvent ta' Santa Liberata, il-Kalkara. Għal din il-quddiesa mistiedna il-Fratellanza ta' San Ġużepp u l-koppji li din is-sena jagħlqu 10, 25, jew 50 sena miżżewġin. Fil-quddiesa ssir ukoll il-preżentazzjoni tat-trabi. Wara t-Tqarbin jitkanta l-innu ta' ringrazzjament *Te Deum*. Wara l-quddiesa, l-koppji mistiedna għal bibita' fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Is-Sibt 11 ta' Lulju: Lejliet il-Festa**

Fis-6.00pm Rużarju u Kurunella ta' San Ġużepp

Fis-6.30pm Traslazzjoni Solenni bir-Relikwa ta' San Ġużepp. Imexxi il-Kan Alfred Camilleri, Arċipriet tal-Parroċċa Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta. Wara Quddiesa Solenni bis-sehem ta' l-Orkestra u l-Kor Parrokkjali San Ġużepp.

**Il-Ħadd 12 ta' Lulju: Jum l-Għid tal-Parroċċa**

Fis-7.00am Quddiesa Letta.

Fit-8.30am Quddiesa kkonċelebrata. Imexxi Mons Anton Galea. Jippriedka il-Kan. Dun David Cilia, Surmast tas-Seminarju Minuri.

Fl-10.30am Quddiesa Letta

Fis-6.00pm Quddiesa Letta

Fis-7.30pm Tibda ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa devota ta' San Ġużepp b'tislima fuq iz-zuntier mill-Banda Trinita' Qaddisa tal-Marsa u l-Banda Beland taż-Żejtun.

Il-purċissjoni tkun akkumpanjata mill-Banda Vittoria tan-Naxxar u tgħaddi minn Misraħ Arċisqof Gonzi, Triq il-Kapuċċini, Triq San Lawrenz, Triq Giovanni Ricasoli, Triq is-Sienja, Triq Patist Borda, Triq is-Salvatur, Triq Rnella, ix-Xatt, u titla' mit-taraġ ta' quddiem iċ-Ċentru Laburista għall-Knisja Parrokkjali. Fuq iz-zuntier l-istess baned jerġgħu isellmu lil San Ġużepp qabel jidħol fil-Knisja.

Kif tidħol il-purċissjoni fil-Knisja titkanta l-Antifona ta' San Ġużepp u tingħata l-Barka Sagramentali.



**Il-Ħamis 16 ta' Lulju : Ħarġa Speċjali wara l-festa għal Għawdex**

2.00pm – 12.00am Biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp, il-Qala u wara nkomplu il-ġurnata bil-mistrieħ u ikel.

*N.B. Il-Kor u l-Orkestra fil-jiem tal-festa jkunu taħt id-direzzjoni tas-Sinjura Josianne Zammit ALCM, ATCL. Organista s-Sinjura Diane Mizzi B.Mus LCM(Hons), B.Ed (Hons), ALSM.*